


# IL-KOLLEĠĠJATI...għad fadal żmienhom fis-seklu l-ġdid?

**Kitba ddedikata liż-żagħżugħ Renald Borg membru attiv fil-każin tal-Banda Sant'Elena**

Kien tassew fiha għaxqa l-Bażilika Elenjana li llum tospita fiha r-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata mwaqqfa sa mill-1630, (l-ewwel waħda fil-gżejjer maltin, mill-Papa Urbanu VIII), nhar il-Ħadd 23 ta' Frar 2003 filgħaxija. Tempju mżejjen mill-aqwa, fost numru kbir ta' parruċċani u mistiedna oħra, qassisin u lajċi, seħħet l-istituzzjoni kanonika tal-Prepostu – Arċipriet il-ġdid, Dun Anton Cassar. Barra l-kura ta' l-erwieħ afdata lilu mill-Mons Arċisqof skond kif jippreskrivi l-Kodiċi tad-Drittu Kanoniku (k. 039), Dun Anton bla qatt ma basar, sar ukoll uffiċjalment il-Preminent tal-Kapitlu, bid-drittijiet u dmirijet inerenti ma' din id-Dinjita`, l-ogħla waħda fil-Kapitlu li fost il-predeċessuri tiegħu, kien hemm bosta nies ta' fama u kalibru. Ġie msejjaħ biex ikompli l-ħidma pastorali u kapitulari li qablu kien wettaq tant tajjeb Dun Anton Vella. Matul iċ-ċerimonja, preseduta mill-E.T. Rev.ma Mons Isqof Annetto Depasquale, il-poplu kien dam għal tlett sigħat isegwi l-funzjoni kollha kompriża l-konċelebrazzjoni solenni li fiha ngħataw il-prerogattivi kollha ta' Ragħaj ta' l-erwieħ, missjoni li b'ġurament wiegħed li bl-għanuna t'Alla ser jaqdi. Kulħadd laqgħu bħala Kap u wegħdu s-soldarjeta` u xtaqlu 'ad multos annos'. Għaddiet aktar minn sena u l-poplu daq il-ħidma pastorali ta' dan il-kap, li bl-istil tiegħu flimkien mas-saċerdoti sħabu ħadmu bla heda biex il-parroċċa timxi dejjem 'l quddiem pastoralment.



**Il-Kapitlu u l-Kolleġġjata**

Uħud li jippretenduha ta' moderni u jqisuhom bħala persuni b'moħħ miftuħ, meta jaraw in-nuqqas drastiku ta' saċerdoti huma destinati li jmutu mewta naturali u ma għadx fadal lokhom. Ma jridux jindaħlu lill-Ispirtu s-Santu, għax bosta żgħażagħ forsi qed ikunu torox għas-sejħat tiegħu biex ikun hemm kandidati idonei għas-saċerdozju. It-triqat tal-Mulej mhux la kemm tifhimhom u llum iż-żminijiet jitolbu qassisin li jkollhom l-għerf akkademiku sod u mħallat b'doża qawwija mal-qdusija. Magħżulin minn fost il-ġemgħa, minkejja d-diffikultajiet li jsibu u l-attrazzjoni tad-dinja ta' llum, irridu b'għażla fundamentali jkomplu jagħrfu lil Kristu u jaqdu lilu f'ħuthom il-bnedmin ukoll.

B'dan bħala premessa, nħares lejn il-Kolleġġjata bħala l-grupp ta' qassisin bl-ideal li jgħindu l-xulxin u jaqdu 'l Alla b'mod solenni fil-Liturġija, b'ħin iddedikat għat-talb u x-xandir tal-Kelma t'Alla, fuq l-eżempju ta' l-Appostli. Fil-każ tal-Bolla Papali li waqqfet il-Kolleġġjata Elenjana, Papa Urbanu ma qagħadx ilaqlaq u semma x'inhu d-dmir tal-kanonċi, li kellhom ikunu membri ta' din il-familja ġdida. Il-kodiċi tad-Drittu Kanoniku (1983) bi kliem ċarissimu jsemmi l-kult bħala finalita` tal-Kapitli, dejjem skond il-Fondazzjoni u jew Kostituzzjoni tagħhom.

## Ftit ta' l-Istorja

Fl-Ewropa, l-eqdem kontinent tad-dinja, fejn xterdet sa mill-qedem il-Knisja ta' Kristu, bil-predikazzjoni ta' l-istess Appostli, jeżistu bosta kolleġġjati ta' kjeriċi djoċesani. Fi żmien Sant'Antnin ta' Padova kien hemm il-Kanonċi Regulari ta' Santu Wistin li fosthom kien membru, qabel ħaddan l-Ordni Franġiskan. Jekk bil-ħsieb immorru lura fl-istorja, kienet tinħass il-ħtieġa li dawk li jħossu li jridu jaqdu 'l Alla aktar mill-qrib kienu jingħaqdu fi gruppi u jfittxu lil xi ħadd li jkun kap tagħhom. Hekk kien il-każ ta' San Anton Abbati u ta' tant oħrajn li spiċċaw ukoll Fundaturi ta' Ordnijiet Reliġjużi.

Dwar il-Kolleġġjati u l-Kapitoli tissemma l-Kolleġġjata ewlenija ta' l-Isqof, fejn fil-knisja Kattedrali hu għandu s-sede tiegħu hu maħsub li l-membri tagħha jkunu l-kunsillieri tiegħu llum fid-Dijoċesi tagħna Maltija ħa postha il-Kunsill Presbiterali, msejjaħ is-Senat ta' l-Isqof, li jiltaqa' regolarment mar-Ragħaj tad-Djoċesi u jiddiskuti miegħu problemi u policies tad-djoċesi, skond l-esiġenzi taż-żmien. Kollox ma kollox anqas il-konċilju Vatikan li ma warrab l-obbligu li l-kanonċi membri tal-Kapitlu jirreċitaw l-uffiċċju Divin skond il-Kostituzzjoni tagħhom (Sag Conc 65)

## Il-Kodiċi Ġdid tal-1983

Il-Kodiċi bl-akbar sobrjeta` ittratta dwar il-Kapitoli fit-Taqsima dwar 'il-Poplu t'Alla' (kan 503 sa 510). Wara li jgħid x'inhu l-kapitlu tal-kanonċi kemm dawk Metropolitani kif ukoll tal-Kolleġġjati, hu jsemmi min għandu d-dritt li jwaqqaf, iġedded u jissopprimi l-Kolleġġjati. Jesiġi li kull kapitlu jkollu statuti mfasslin u approvati mill-Isqof tal-post u ma jitbiddlux. Dejjem rispettata l-Fondazzjoni tal-Kapitlu, jitqies in-numru tal-persuni addetti għall-kult divin u biex imexxu l-ministeru tagħhom f'laqgħat apposta bla ma jitraskuraw l-andament tajjeb ta' dak li jirrigwarda lilhom inkluż ukoll l-għotjiet li jmisshom. Fosthom ikun hemm ic-Chairman jew Preminent li jmexxi l-laqgħat tagħhom. Jissemma wkoll il-kanonku Penitenzier u s-setgħa li jkollu fil-Qrar li jaħfer dnubiet riservati. Il-Kodiċi jaħseb ukoll biex fl-għażla ta' kanonċi ġodda, il-kap tad-Djoċesi jikkonsulta lill-kanonċi biex il-persuna magħżula tkun waħda magħrufa għall-għerf u qdusija. Il-Kodiċi ma jridx li Kaptilu bħala korp ikun responsabbli għall-kura ta' l-erwieħ, missjoni li tkun assenjata lill-Arċipriet personalment. L-isqof ikun attent li jirrimedja f'każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn kapitulari u min għandu l-kura ta' l-erwieħ.

## Il-Motivazzjoni tal-Fondazzjoni Pierina

Il-Kan Dun Perin Borg, iben Giovanni u Duminka Gatt, imwielda Birkirkara fl-24/01/1709, fi żmien meta l-Kolleġġjata kellha trasferita mit-tempju Santa Marija għal dak ta' llum, dan il-wild nobbli ta' Birkirkara xtaq ikompli jżejjen il-Kapitlu billi jwaqqaf erba' kanonikati ġodda, fosthom id-Dinjitajiet tal-Kantur u t-Teżorier. Għar-renti tagħhom hu għamel tajjeb minn flusu stess u dawn tal-familja. Dun Pierin wettaq dan b'att legali notarili quddiem in-Nutar Pietru Pawl Gonzi fit-28/12/1771. Barra l-Penitenzier hemm ukoll it-Teologu; lilu l-Fundatur Perin assenjalu d-dmir li jkun aġġornat fl-istudji teoloġiċi u jżomm aġġornati lil sħabu u kemm jista' jkun il-fidili. Dun Perin żied ir-renti għall-kappillani tal-Kor jew dawk il-kjeriċi li jistgħu wkoll ikunu saċerdoti. Dun Perin (li naraw portrait tiegħu fis-Sagristija tal-Bażilika) ried li l-fondazzjoni tiegħu tidħol in vigore f'ħajtu stess. Hekk ġara fil-31/07/1787. Bniedem prattiku – ebda unur jew ħlas mingħajr ħidma. Kellu quddiem għajnejn dak li jgħidu l-istatuti tal-Kapitlu, approvati saħansitra minn l-istess Papa Urbanu, intervall qasir wara t-twaqqif tal-Kolleġġjata (1635) li l-ġid materjali jinbidel f'dak spiritwali għall-akbar glorja t'Alla.

## Is-sitwazzjoni llum

Għaddew is-sekli mit-twaqqif tal-Kolleġġjata, tbiddlu d-drawwiet, il-gosti u l-mentalitajiet tal-popli. Insibu madwarna aktar kumditajiet u bosta ħwejjeġ ilelxu li jaljenawna u jisirqu l-attenzjoni tagħna. Il-bniedem ta' llum, irid kollox issa u malajr, bla sabar u b'sens ta' pjaċir. Il-ħin tal-ġurnata qed jidher qasir wisq biex ikun hemm ħin għal kull fettuqa; li wieħed jimpenja ruħu fit-tul qed jidher diffiċli; li tkun bla rbit ta' xejn jew bl-anqas irbit possibbli, jidher aħjar; li tfittex l-interessi tiegħek u dak li jaqbel lilek qed isir ir-riegla ta' bosta bnedmin. Hawn tispikka l-problemi ta' familji mfarrka jew fuq ix-xifer il-falliment minħabba fatturi differenti.

Fil-fatt hemm raġuni għal dan kollu. Il-ħajja ta' llum, titlob li jkollna dar deċenti, aktar mezzi finanzjarji biex nassiguraw għejxien u edukazzjoni wisq aħjar minn qabel. Id-daqs tal-familja aktarx ċkien. L-istil tal-ħajja, it-taħlit ta' bnedmin ta' twemmin u kostumi oħra affettwawna. Birkirkara ta' llum hi wisq differenti fil-fiżnomija tagħna minn dik ta' snin ilu. Fejn dari kienu għelieqi, llum inbnew housing estates b'mijiet ta' familji ġodda aktarx żgħażagħ residenti fihom. Il-popolazzjoni kibret sewwa; il-knisja parrokkjali ma baqgħetx iċ-ċentru ta' Birkirkara bħal fis-snin l-imgħoddija. Ġo dik li darba kienet Birkirkara, hemm l-Universita` mibnija fuq art li parti kbira minnha, kienet tappartieni lill-Kolleġġjata tagħna fil-qasam tal-Qroqq, kif ukoll l-Isptar il-Ġdid li jġib l-isem Mater Dei.

**X'tista toffri aktar il-Kolleġġjata?**

Il-ħtiġijiet tal-poplu għalkemm kull ma jmur qegħdin jikbru huma dejjem l-istess. Jinħtieġ li 'l Alla ma nabbandunawhx. Il-qassis, il-bniedem t'Alla jrid ikun fost il-poplu u jfittex in-nagħġa l-mitlufa. Jinħtieġ li jkun bniedem ta' dehem, isostni ruħu bit-talb fil-kumpannija ta' sħabu, jissieħeb magħhom u mal-poplu fl-espressjoni tal-kult, jitlob magħhom fil-knisja u barra mill-knisja. Illum jeżistu għaqdiet u movimenti bi stil ta' appostolat differenti li jikkoordinaw ruħhom fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali, fejn l-operaturi pastorali, saċerdoti u lajċi mpenjati fl-appostolat, wara li jeżaminaw il-ħtiġijiet tal-popli taz-zona tagħhom, iħejju pjan ta' strateġija biex tinżamm ħajja l-fidi fil-poplu. Hu tassew edifikanti tara kanonċi u poplu jitolbu flimkien it-talb uffiċjali tal-knisja, speċjalment fil-funzjonijiet solenni ta' matul is-sena; iż-żjajjar lill-familji, speċjalment fil-każ ta' funerali, tiġijiet u magħmudijiet, it-tberik tal-familja fi żmien il-Għid, l-impenn tal-katekisti u saċerdoti fid-Djar tad-Duttirna, mxerrda mal-parroċċa kollha; il-kura tal-morda kif ukoll dik ta' l-abbatini li fosthom jitrawmu dawk li l-Mulej isejjaħ għas-saċerdoti ta' għada. Fl-aħħar ittra tal-Papa Ġwanni Pawlu II lis-saċerdoti qalilhom dwar l-attenzjoni li jridu juru lejn l-abbatini waqt li jkunu jiċċelebraw l-Ewkaristija. Mhux ta' min jinsa ż-żjajjar u l-preżenza tagħhom fl-iskejjel kemm dawk statali kif ukoll tal-Knisja fejn il-qassis jista' jkun il-ħmira ta' vokazzjonijiet ġodda għal ħajja reliġjuża u ta' ħabib għall-għalliema li tant ikunu qrib it-tfal, ulied il-poplu. Bosta drabi dawn isibu ruħhom f'diffikultatjiet meta jkollhom studenti ġejjin minn familji mfarrka jew li qed jinfarrku. Jekk l-isfidi ta' llum huma ikbar minn dawn ta' qabel, is-soluzzjoni ta' diversi problem ma hix kuntrarja għal dik ta' qabel. Timplika aktar formazzjoni, aktar impenn u aktar ħidma utieqa.

**Għeluq**

Hemm prinċipju latin li jgħid: Jinħtieġ li tagħmel dan u ma tħalliex l-ieħor barra. B'rieda sħiħa skond il-ħila, is-saħħa u r-rieda tajba tal-bniedem t'Alla, magħżul minn fost il-poplu, hemm Alla li jagħmel tajjeb. Alla jaf jikteb dritt fuq versi mgħawġin. L-Ispirtu s-Santu għadu jaħdem fil-Knisja li ġiet imwaqqfa minn Kristu r-Redentur tal-bnedmin kollha. Mhux għaqli li tħott dak li hu mibni fis-sod, iżda li tmantni u ssaħħaħ dak li hu tajjeb għall-akbar glorja t'Alla u għall-ġid tal-bnedmin.

**Dun Anton Mallia Borg**
**17 ta' April 2004**

**Ray Aquilina Inst.**
**Electrician & Plumber**

'Amethyst', Lorenzo Mench Street,
Attard BZN 02
Tel / Fax: 2143 6800